



---

TESTI ADOTTATI

---

**P8\_TA(2017)0274**

**L-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi u tal-fondazzjonijiet politiċi f'livell Ewropew (2017/2733(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi transnazzjonali jgħinu fl-iżvilupp ta' sensibilizzazzjoni politika Ewropea usa' u fl-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni;
- B. billi l-finanzjament tal-partiti u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jenħtieġ li jappoġġja l-attivitajiet politiċi skont il-prinċipji tal-Unjoni u jenħtieġ li jkun trasparenti u li ma jkunx miftuħ għall-abbuż;
- C. billi l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jistabbilixxi l-ħolqien, mill-1 ta' Settembru 2016, ta' Awtorità għall-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej bil-kompitu li tiddeċiedi jekk ir-reġistrazzjoni u d-dereġistrazzjoni tal-partiti politiċi u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ikunux konformi mal-proċeduri u l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regolament;
- 1. Jiddispjaċih dwar il-bosta nuqqasijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, speċjalment fir-rigward tal-livell ta' kofinanzjament (riżorsi proprji), u tal-possibbiltà ta' sħubija multipartitika tal-Membri tal-Parlament Ewropew;
- 2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti ħarsa aktar mill-qrib lejn in-nuqqasijiet kollha u tipproponi revizzjoni tar-regolament mill-aktar fis possibbli;
- 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1.